MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru 362/2012

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Pulis)

vs

Joseph Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 293290M, akkuzat talli:

1. fit-18 ta’ Frar, 2012, ghal habta tas-17:00hrs gewwa ta’ Kandja limiti tal-Mqabba, ikkommetta serq ta’ leads, li l-ammont ma jeccediex il-232.93 Ewro, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Angelo Briffa.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
3. sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-akkuzi, l-Qorti hi msejjha biex titratta mal-imputat fir-rigward l-ewwel u t-tielet akkuza stante li t-tieni hi wahda in alternattiva ghal dik tas-serq.

Billi l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, komprendenti allura l-ewwel u t-tielet, qeghdha fuq l-iskorta tal-ammissjoni tiddikjarah u ssibu hati ta’ dawn l-akkuzi.

Rat l-Artikoli 261(g), 49 u 50 tal-Kap 9.

Tpoggih taht ordni ta’ probation bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

Spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------